SAN LAWRENZ

Il-minuti tad-disgha u tletin laqgha li nzammet nhar l-Erbgha 29 ta' Jannar 2014 fil-5:00 ta' filghaxija fl-ufficju tal-Kunsill.

**Prezenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Anthony Formosa |
| **Vici Sindku:** | Anthony Cassar |
| **Kunsilliera:** | John Mercieca |
| | Rose Vella |
| **Segretarju Ezekuttiv:** | Lucienne Haber |
| **Ambaxxatur:** | Jason Theuma |
| **Skuzata:** | Mikelina Mercieca |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u gew ikkonfermati.

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Giet trattata l-ittra rigward in-nominazzjoni ghall-Premju Familja tas-Sena. Il-Kunsill prova jahseb f'xi familja partikolari li jista jinnomina imma ma setgha jahseb f'hadd li jista jissodisfa l-kriterji mehtiega.

3.2 Giet trattata l-email minghand it-Taqsima Vot 16, rigward il-fatt li x'hin l-ambaxxatur/a jaghlqu t-tmintax-il sena iridu jirrezinjaw u jinhatar ambaxxatur/a gdid. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u peress li l-ambaxxatur Jason Theuma ser jaghlaq tmintax-il sena f'Marzu, qar qbil li jinhareg avviz biex dawk iz-zaghzagh ta' bejn is-16 u tmintax-

il sena li jixtiequ jservu ta' ambaxxatur/a ghandhom jibghatu email bl-interess taghhom sa mhux aktar tard minn nhar is-Sibt 15 ta' Marzu 2014.

3.3 Giet trattata memo 4/2014 rigward l-ghajnuna ghal xiri ta' kotba. Il-Kunsill qabel li ghandu japplika ghal-€200 li jfisser li ghandu johrog €200 minn flusu u jiehu b'€200 kumpens minghand il-Gvern Centrali.

**4.0 Problemi konnessi mac-Centru tad-Dwejra.**

4.1 Is-Sindku rreferea ghall-problema li nqalghet konnessa mac-Centru tad-Dwejra peress li l-owner tar-restaurant mar fuq il-haddiema tal-ETC Annie Formosa li qeghda tiftah ic-Centru u b'ton aggressiv talabha sabiex twassal messagg lil Kunsill li jekk mhux ser jithallas tal-fuel tal-generator fuq l-agreement li huwa kien ghamel mal-MEPA, ser jiehu l-generator tal-Kunsill. Peress li huwa ghadu ma thallasx, qieghed ta' kull darba jezigi li jehodhom minghand il-Kunsill. Il-haddiema bezghet f'dan il-konfront aggressiv u kollu thedid u gie deciz li ghandu jsir rapport mal-pulizija. Dak il-hin il-Kunsill talab laqgha urgenti mal-MEPA u fil-fatt inzammet laqgha urgenti mac-Chairman tal-MEPA biex kemm jista jkun malajr jirregolarizzaw il-pozizzjoni taghhom mieghu ghax dan kull darba qed jitfa t-tort fuq il-Kunsill.

**5.0 Stimi ghall-outdoor camera**

**5.1** Is-Sindku semma li l-bankina madwar l-underground bring-in-sites saret mill-kuntrattur Joe Grima bla hlas bhala gratitudni lejn il-Kunsill Lokali San Lawrenz. Hawnhekk is-Sindku f'isem il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Grima ta' dan il-gest tieghu. Huwa semma' li issa li l-progett jinsab lest, importanti hafna li ninstallaw l-outdoor camera.

L-istimi migbura mill-Kunsill kienu minghand:-
Strand Electronics ghall-prezz ta' €380.55
Masco ghall-prezz ta' €194.70
Dedicated Macros ghal prezz ta' €770 u €748.

Il-Kunsill qabel li f'dan ir-rigward ghandu jaghzel l-aktar camera efficenti. Gie deciz li l-Vici Sindku Anthony Cassar li huwa bniedem tekniku ghandu jevalwa l-ispecifications tal-istimi provduti u jaghti r-rakkomandazzjoni tieghu. Il-Kunsill qabel li ghandu joqghod fuq dawn ir-rakkommandazzjonijiet.

**6.0 Stima ghall-online streaming tal-laqghat tal-Kunsill**

6.1 Il-Kunsill qabel li fir-rigward tal-online streaming tal-laqghat tal-Kunsill, ghandu johrog sejha ghall-offerti.

**7.0 Karnival 2014**

**7.1** Il-Kunsill qabel li s-serata tal-Karnival 2014 ghandha titella' l-Gimgha 28 ta' Frar 2014 u li bhala kompetizzjonijiet u premijiet ghandna nimxu fuq tas-snin precedenti. Sar qbil li jsir xi tibdil fil-Kompetizzjoni tal-Kategorija E, dik tal-maskarat misterjuz. Sar qbil li l-eta' tal-maskarat misterjuz ghandha tkun ta' aktar minn tmintax-il sena. Sar qbil ukoll li r-risposti minghand l-ispettaturi ghandhom jintefghu' f'kaxxa u l-ewwel risposta tajba li titla bix-xorti tirbah il-premju. F'kaz li hadd ma jaqta min huwa l-maskarat misterjuz, r-rebbieh jispicca l-maskarat stess. Il-Kunsill qabel li l-budget massimu allokat ghal din il-kategorija huwa ta' €100 li jinqasam ekwivalenti skond in-numru ta' kompetituri (maskarati misterjuzi) bir-rigal massimu ta' €50 jekk ikun hemm participant wiehed jew tnejn biss.

**8.0 Offerta ta' handyman/kennies.**

**8.1** Il-Kunsill qabel li ghandu johrog offerta ghall-pubbliku ghal servizz ta' handyman u tindif fil-lokal. Sar qbil li l-offerta ghandha tkun valida ghal sena u l-haddiem ghandu jahdem bejn 5 u 10 sighat fil-gimgha u l-prezz massimu ghal kull siegha ma ghandux ikun ta' aktar minn €6.

**9.0 Xoghol tal-passagg wara t-Torri tad-Dwejra**

9.1 Sar qbil li ghandna nohorgu stima mmedjata sabiex isiru x-xogholijiet ta' manutenzjoni fuq ir-rampa ta' wara t-Torri tad-Dwejra. Sar qbil li l-istima ghandna nohorguha fuq specifications provduti mill-Perit Shawn Micallef.

**10.0 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-Impjegati**

**10.1** Giet imressqa l-performance appraisal tas-Segretarja u tal-iskrivana tal-Kunsill ghall-approvazzjoni. Is-sindku wera s-sodisfazzjoni teighu ghal mod kif qed jitmexxa l-ufficju tal-Kunsill u l-progetti specjalment fejn jidhlu dawk tal-Unjoni Ewropa li jinhtiegu hafna atar dedikazzjoni u attenzjoni.

10.2 Il-Kunsill qabel li ghandu japprova l-performance bonus tal-impjegati tal-Kunsill fil-massimu kollu tieghu.

**11.0 Estimi Finanzjarji 2014**

11.1 Is-Segretarja prezentat draft tal-estimi finanzjarji ghas-sena 2014. Il-budget gie diskuss u gie approvat mill-Kunsill.

**12.0 Approvazzjoni tar-rapport tal-Evaluation Board rigward l-offerta tal-Street Furniture taht Measure 313**

**12.1** Is-Segretarja prezentat ir-rapport tal-Bord tal-Evalwazzjoni li evalwa t-tender tal-Street Furniture. Il-Bord irrakkomanda li l-ghazla taqa fuq Option F provduta minn Xerri's Garden Centre ghall-prezz ta' €34,779 Il-Vici Sindku Anthony Cassar irrimarka sabiex nassiguraw li l-ghamara tikkwalifika mal-istandards mitluba mil-MCA.

**12.2** Il-Kunsill qabel li ghandu jigi vverifikat dan u kemm il-darba tinstab din ic-certifikazzjoni ghandna nipprocedu bl-ghoti tal-offerta.

**13.0 Materji ohra**

13.1 Sar qbil li ghandha terga titwahhal mera fi Triq il-Wileg faccata ta' Triq Nicholas Monsarrat.

13.2 Il-Vici Sindku Anthony Cassar irrefera ghat-talba li kien ghamel il-kunsillier John Mercieca sabiex titwahhal mera fuq in-naha l-ohra tat-triq tal-garage tar-residenza tieghu. Is-Sindku wera li huwa ma jaqbilx ma din it-talba peress li l-pozizzjoni tieghu fuq dan ir-rigward huwa s'xer jigri jekk kull min ghandu garage jitlob mera quddiemu. Hawnhekk il-Vici Sindku ssugerixxa li t-talba ghandha titressaq quddiem it-Transport Malta u noqghodu fuq id-decizzjoni taghhom. Il-Kunsill qabel ma dan.

13.3 Il-Kunsillier John Mercieca talab sabiex issir talba biex jinghata patching fi Triq il-Wileg.

13.4 Il-Kunsilliera Rose Vella talbet sabiex issir talba biex jinghata patching quddiem iz-zuntier tal-Kapella ta' Sant'Anna fid-Dwejra.

13.5 Il-kunsilliera Rose Vella skuzat ruhha ghal fatt li ma setghetx tkun prezenti ghall-inawgurazzjoni tal-football grawnd tal-iskola primarja. Il-kunsillier John Mercieca skuza ruhu li ma' setax jattendi fl-ikla tal-kunsill tal-Milied minhabba mpenji ohra. Il-Vici Sindku minn naha l-ohra irrimarka li huwa kien skuzat wkoll minhabba mard.

13.6 Il-kunsillier John Mercieca skuza ruhu li ma setax jattendi fl-ikla tal-Kunsll tal-Milied minhabba mpenji ohra. Il-Vici Sindku minn naha l-ohra irrimarka li huwa kien skuzat wkoll minhabba mard.

Il-laqgha ntemmet fis-7:00 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| **Anthony Formosa** | **Lucienne Haber** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |